Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,182, 19 ta' Jannar, 2024

Taqsima B

A.L. 10 tal-2024

ATT DWAR IL-PULIZIJA
(KAP. 164)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 82(2) u 101 tal-Att dwar il-Pulizija, il-Ministru responsabbli għall-pulizija, bi qbil mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Pulizija, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"Raba' Skeda".

Kap. 164.

Jemenda r-Raba' Skeda.

2. Fis-subregolament (2) tar-regolament 2 tar-Raba' Skeda, il-kelma "tal-Att." għandha tiġi sostitwita bil-kelma "tal-Att:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda kwalunkwe uffiċjal tal-pulizija fis-servizz għandu jkollu ż-żmien ta' servizz matul kwalunkwe kors ta' taħriġ bażiku full-time mħallas jew taħriġ għall-kadetti full-time mħallas meqjus bħala servizz ma' korp dixxiplinat mat-tlestija b'suċċess tal-imsemmi kors, għall-finijiet ta' pensjoni skont it-termini u l-kondizzjonijiet tal-Att.".